Budget
2020–21

# Ħarsa Fuq Fuq tal-Baġit

## Taxxi aktar baxxi għall-Awstraljani bieżla

F'dan il-Baġit, il-Gvern qed iwassal $17.8 biljun addizzjonali f'relif mit-taxxa fuq id-dħul personali biex jissapportja l-irkupru ekonomiku, inkluż $12.5 biljun addizzjonali matul it-12-il xahar li ġejjin. Dan jibni fuq il-$8.1 biljun f'relif mit-taxxa li se jitwassal għas-sena tad-dħul 2020-21 skont il-Pjan tat-Taxxa fuq id-Dħul Personali diġà ġie lleġislat.

Skont il-bidliet tal-Gvern, l-individwi se jibbenefikaw mil-fatt li t-tnaqqis fit-taxxa fl-Istadju 2 tal-Pjan tiegħu ser jinġieb 'l quddiem, kif ukoll benefiċċju addizzjonali ta' darba mill-offset (riduzzjoni) tat-taxxa fuq id-dħul baxx u medju fl-2020-21.

## Sapport għall-kostruzzjoni tad-djar

Bħala parti mill-pjan ta' rkupru ekonomiku tagħna biex noħolqu l-impjiegi, nerġgħu nibnu l-ekonomija tagħna u niżguraw il-futur tal-Awstralja, 10,000 xerrej addizzjonali tal-ewwel dar ser ikunu jistgħu jixtru dar ġdida aktar malajr skont l-estensjoni tal-Ewwel Skema ta' Depożitu ta' Self Għall-Ewwel Dar (First Home Loan Deposit Scheme).

L-10,000 post addizzjonali se jiġu pprovduti fl-2020-21 biex jissapportjaw ix-xiri ta' dar ġdida jew dar mibnija ġdida. Dan se jippermetti lix-xerrejja tal-ewwel dar jiksbu self biex jibnu dar ġdida jew jixtru residenza mibnija ġdida b'depożitu ta' mhux aktar minn 5 fil-mija, bil-Gvern jiggarantixxi sa 15 fil-mija tas-self.

## Investiment fl-infrastruttura

Sa mill-bidu tal-pandemija COVID-19, il-Gvern impenja ruħu li jinvesti $14-il biljun addizzjonali fi proġetti infrastrutturali ġodda u aċċellerati matul l-erba' snin li ġejjin. Dawn il-proġetti ser jissapportjaw 40,000 impjieg ieħor matul il-kostruzzjoni tagħhom.

Dan l-investiment huwa parti mill-pipeline rekord ta' investiment fl-infrastruttura tat-trasport tal-Gvern ta' 10 snin, li ġie estiż għal $110 biljun u diġà qed jissapportja 100,000 impjieg fuq is-siti tax-xogħol madwar il-pajjiż.

## Nissapportjaw in-negozju u l-investiment

Biex jappoġġja investiment ġdid u jżid il-fluss tal-flus tan-negozju, il-Gvern qed jipprovdi inċentiv temporanju tat-taxxa, li se jkun disponibbli għal madwar 3.5 miljun negozju (aktar minn 99 fil-mija tan-negozji) li jimpjegaw madwar 11.5 miljun ħaddiem. L-inċentiv se japplika għal madwar $200 biljun f'investiment, inkluż 80 fil-mija tal-investiment f'assi deprezzabbli minn negozji mhux tal-minjieri. Mis-7:30pm (AEDT) fis-6 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2022, in-negozji bi dħul mill-bejgħ (turnover)  sa $5 biljuni se jkunu jistgħu jnaqqsu l-ispiża sħiħa tal-assi deprezzabbli eliġibbli ta' kwalunkwe valur fis-sena li huma installati. L-ispiża tat-titjib fl-assi deprezzabbli eliġibbli eżistenti li saru matul dan il-perjodu tista' titnaqqas ukoll totalment.

Il-Gvern se jippermetti wkoll lill-kumpaniji bi dħul fil-bejgħ sa $5 biljun biex jagħmlu tajjeb għal telf kontra profitti preċedenti li fuqhom kienet tħallset it-taxxa, biex jiġġeneraw ħlas lura (refund). It-trasferiment lura tat-telf (Loss carry-back) se jkun disponibbli għal madwar 1 miljun kumpanija li jimpjegaw sa 8.8 miljun ħaddiem. It-telf imġarrab sal-2021-22 jista' jiġi ttrasferit lura kontra l-profitti li saru fl-2018-19 jew wara. Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jagħżlu li jirċievu ħlas lura (refund) tat-taxxa meta jitfgħu il-karta tat-taxxa tagħhom għall-2020-21 u l-2021-22.

## L-Awstralja diġitali

Il-pandemija COVID-19 aċċellerat l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali min-negozji u l-konsumaturi Awstraljani li ppermettew lil ħafna jittrasformaw l-operazzjonijiet tagħhom u jkomplu jinnegozjaw matul il-kriżi.

Il-Pjan tan-Negozju Diġitali tal-Gvern se jibni fuq dan il-momentum biex jissapportja l-adozzjoni saħansitra akbar ta' teknoloġiji ġodda madwar l-ekonomija – kemm min-negozji kif ukoll mill-konsumaturi.

Investiment addizzjonali ta' $4.5 biljun f'NBN Co ser iwassal broadband ultraveloċi lil miljuni ta' familji u negozji. Il-finanzjament ta' $29.2 miljun se jaċċellera wkoll it-tnedija tan-netwerk 5G.

## Titjib biex nagħmlu aktar faċli l-mod kif isir in-negozju

It-tnaqqis tal-burokrazija huwa element ewlieni tal-Pjan tal-Irkupru Ekonomiku tal-Gvern għall-Awstralja. Huwa għalhekk li l-Gvern qed jagħmilha aktar faċli għan-negozji biex jinvestu, joħolqu l-impjiegi, jirrispondu malajr għall-isfidi u jaħtfu l-opportunitajiet.

F'dan il-Baġit, il-Gvern se:

- Jissimplifika u jiddiġitalizza firxa wiesgħa ta' proċessi regolatorji
- Inaqqas ir-regolamentazzjoni li timponi spejjeż bla bżonn u tfixkel l-attività tan-negozju
- Sapport għan-negozji ż-żgħar matul l-irkupru

## Il-JobMaker Hiring Credit

Il-JobMaker Hiring Credit l-ġdid (Programm li Joffri Inċentivi lill-Impjegaturi li jħaddmu ħaddiema eliġibbli) tal-Gvern se jgħin biex jitħaffef it-tkabbir fl-impjiegi matul l-irkupru billi jagħti lin-negozji inċentivi biex jħaddmu persuni addizzjonali żgħażagħ li qed ifittxu x-xogħol li għandhom bejn

is-16 u l-35 sena. Il-JobMaker Hiring Credit huwa parti ewlenija mill-Pjan tal-JobMaker tal-Gvern biex jagħti spinta lill-irkupru ekonomiku tal-Awstralja.

Il-JobMaker Hiring Credit huwa stmat li jissapportja **madwar 450,000 pożizzjoni għaż-żgħażagħ** u jiswa $4 biljun mill-2020-21 sal-2022-23.

## Investiment fl-edukazzjoni, il-ħiliet u l-apprendistati

Il-Gvern qed jagħmel l-iżvilupp tal-ħiliet prijorità għolja bħala parti mill-JobMaker Plan. L-impenn tal-Gvern ser jissapportja li n-nies biex jiġu impjegati u jiżgura li l-Awstraljani jkollhom il-ħiliet xierqa għall-impjiegi tal-futur.

- JobTrainer - tkabbir tan-numru tal-ħaddiema tal-Awstralja
- Apprendistati ġodda biex jgħinu l-irkupru
- Sapport għal dawk li qed ifittxu x-xogħol
- Aktar gradwati lesti għall-impjiegi
- Korsijiet qosra tat-taħriġ mill-ġdid u aġġornament tal-ħiliet għall-Awstraljani

## It-twassil tas-sigurtà ekonomika għan-nisa

Il-Gvern qed iwassal id-Dikjarazzjoni dwar is-Sigurtà Ekonomika tan-Nisa tal-2020 biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema nisa, jittejjeb il-potenzjal tal-qligħ u tissaħħaħ l-indipendenza ekonomika. Il-pakkett ta' $240.4 miljun se jwassal opportunitajiet ta' impjieg, sapport lill-ġenituri u sapport għan-nisa fuq il-post tax-xogħol.

Dan jinkludi programmi ta' impjieg biex jissapportjaw it-tmexxija u l-iżvilupp tan-nisa, u jżidu l-opportunitajiet għan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), in-negozju u industriji ddominati mill-irġiel.

## Nissapportjaw il-manifattura u r-riċerka u l-iżvilupp

Il-pandemija COVID-19 xeħtet dawl fuq l-importanza kritika tal-ktajjen tal-provvista u li jkollna l-industrija tal-manifattura li tkun flessibbli, adattabbli u innovattiva.

L-Istrateġija Moderna tal-Manifattura ta' $1.5 biljun tal-Gvern hija pjan fit-tul biex tissapportja l-irkupru ekonomiku tal-Awstralja.

Il-Gvern qed jinvesti $2 biljuni addizzjonali permezz tal-Inċentiv tat-Taxxa fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp.

## Is-sigurtà tal-enerġija u r-riformi tas-suq

Fil-livell nazzjonali, il-prezzijiet tal-elettriku fid-djar naqsu b'4.7 fil-mija minn Diċembru 2018, bil-prezzijiet bl-ingrossa (wholesale) tal-elettriku naqsu matul l-aħħar 12-il xahar. Biex iżomm il-prezzijiet aktar baxxi, il-Gvern se jaħdem ma' fornituri privati biex iżid il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li tista' tintuża u mal-Kabinett Nazzjonali biex jiżgura sistema effiċjenti u integrata.

Il-Gvern qed jara li tiġi żgurata l-provvisti tal-elettriku, tal-fjuwil u tal-gass tal-Awstralja biex iżomm il-prezzijiet baxxi, joħloq impjiegi ġodda u jissapportja l-industriji lokali.

## Nappoġġjaw reġjuni reżiljenti

Il-Gvern ikompli joqgħod spalla ma' spalla mal-Awstralja reġjonali li ffaċċjat l-għargħar, in-nar, in-nixfa u issa, COVID-19. Permezz ta' pakkett reġjonali ta' aktar minn $550 miljun il-Gvern ser jissapportja lir-reġjuni tagħna biex jirkupraw mill-impatti tal-COVID-19. Dan jibni fuq is-sapport ipprovdut permezz tal-Fond ta' Rilif u Irkupru ta' COVID-19 ta' $1 biljun.

## Awstralja aktar sigura u reżiljenti

Il-Gvern qed jibni infrastruttura tal-ilma għas-Seklu 21 li qed jgħin biex tiżdied is-sigurtà tagħna tal-ilma, tinbena r-reżiljenza reġjonali, inwasslu l-impjiegi u nkabbru s-settur agrikolu kritiku tagħna. Investiment ta' $2 biljun għal proġetti ġodda taħt il-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura tal-Ilma se jissapportja l-ġenerazzjoni li jmiss ta' infrastruttura tal-ilma permezz tal-Grilja (Grid).

Il-Gvern qed jinvesti wkoll $270 miljun fil-Pakkett ta' Investiment tal-Komunitajiet Murray-Darling li se jtejjeb is-saħħa tal-Baċir (Basin) filwaqt li jissapportja l-iżvilupp reġjonali.

Biex jiġi żgurat li l-Awstralja tat-Tramuntana tkun tista' tkompli tibbenefika mill-infrastruttura biex tissapportja servizzi essenzjali, il-Gvern estenda l-Faċilità tal-Infrastruttura tal-Awstralja tat-Tramuntana (NAIF) għal ħames snin oħra, sa Ġunju 2026, u espanda l-kriterji tas-self tiegħu.

## Nipproteġu l-ambjent tagħna

Il-Gvern qed jinvesti $47.4 miljun biex jipproteġi l-oċeani tagħna u jirrestawra saħħithom u qed jimpenja li jonfoq $29.1 miljun biex inaqqas ir-riskju tal-kontaminazzjoni kimika fuq art tal-Commonwealth.

Il-Gvern se jinvesti $249.6 miljun fuq erba' snin biex jimmodernizza l-infrastruttura tar-riċiklaġġ, inaqqas l-iskart u jirriċikla aktar fl-Awstralja.

## Prevenzjoni, sejbien u kura ta' COVID-19

F'dan il-Baġit, il-Gvern qed jinvesti $4.9 biljun għal firxa ta' miżuri tas-saħħa li jiżguraw li l-Awstraljani jkomplu jirċievu l-kura medika u s-sapport li jeħtieġu matul il-pandemija. Ir-rispons flessibbli u skalabbli jippermetti li s-sistema tas-saħħa tirrispondi, tipproteġi l-Awstraljani kollha.

## Nissapportjaw lill-Awstraljani matul il-pandemija

Il-Gvern qed jipprovdi assistenza finanzjarja bla preċedent lill-Awstraljani biex jissapportjahom matul il-pandemija COVID-19, inklużi:

- Il-Pagament JobKeeper
- Dħul addizzjonali għall-individwi
- Żewġ Pagamenti addizzjonali ta' Sapport Ekonomiku għall-pensjonanti u persuni oħra eliġibbli
- Aċċess temporanju għas-superannuazzjoni

## Il-Futur Tiegħek, is-Super Tiegħek

Il-Gvern huwa impenjat li jara li s-super tal-Awstraljani taħdem aktar iebes għalihom biex jagħtu spinta lit-tfaddil tagħhom tal-irtirar.

Ir-riformi tal-Gvern *Il-Futur Tiegħek, is-Super Tiegħek* huma l-fażi li jmiss tal-aġenda ta' riforma tal-Gvern u se jaraw lill-Awstraljani jiffrankaw $17.9 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin.

## Inżommu lill-Awstraljani siguri

Il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Awstralja huma b'saħħithom, iżda t-theddid li qed niffaċċjaw online qed jiżdied. COVID-19 xegħel dawl fuq kemm ngħixu u naħdmu online. Il-Gvern se jipprovdi $201.5 miljun addizzjonali biex iwassal l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-2020.

Il-Gvern qed jissapportja lil dawk li jżommuna sikuri billi jimpenja li jipprovdi $300.2 miljun lill-AFP biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jżommu lill-Awstraljani siguri f'ambjent ta' theddid dejjem aktar kumpless.

## Nissapportjaw ir-reġjun tagħna

L-Awstralja għandha interess profond u kontinwu fl-istabbiltà, il-prosperità u r-reżiljenza tal-Paċifiku u x-Xlokk tal-Asja, riflessi fil-Step-Up tal-Paċifiku u inizjattivi oħra. Il-Gvern qed jiżgura l-irkupru fir-reġjun tagħna:

- Investiment fil-Programm COVID-19 Għall-Aċċess għat-Tilqim u s-Sigurtà tas-Saħħa fil-pajjiżi tal-Paċifiku u tax-Xlokk tal-Asja.
- Il-Faċilità Awstraljana għall-Finanzjament tal-Infrastruttura għall-Paċifiku
- Irkupru COVID-19 – Sapport għall-Paċifiku u Timor-Leste
- It-twassil ta' proġetti ta' infrastruttura tas-sigurtà fil-Paċifiku tal-Lbiċ